MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Numru 863/2006

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Leone Borg ta’ 41 sena iben Victor u Carmela nee Mula, imwieled il-Gharghur, nhar il-15 ta’ Lulju 1965 u residenti ġewwa numru 17 Triq l-Iklin, iKlin detentur tal-karta ta’ l-identita’ 330765 (M)

Akkużat talli:

a. F’dawn il-Gżejjer fis-27 ta’ Jannar 2006 ġewwa l-Iklin volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew immobbli u cioe’ propjeta’ ta’ Paul Cachia mis-Swieqi, liema ħsara ma tiskorrix il-ħames mitt lira Maltija (Lm500) imma tiskorri l-ħamsin lira Maltija (Lm50);

b. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġuna offiża ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Jacqueline Patricia Cachia Wakeman hekk kif iċċertifikat

Dr.Daniela Grima MD Reg No2882 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 3307 ta' l-1965, il-fedina penali nadifa tiegħu, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-proċeduri jkunu sommarji (fol.4), il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.11) liema kunsens huwa kkonferma wara li kien mogħti żmien xieraq lilu biex jaħsibha, id-Dok.VA u d-Dok VA1, l-okkorrenza (Dok GS), ir-ritratti esibiti minn Patricia Cachia Wakeman, l-eżenzjoni da parti tad-difiża lill-Prosekuzzjoni li (a) ittella' x-xhud li ħa r-ritratti esibiti minn Patricia Cachia Wakeman; (b) ix-xhud tal-Licensing Office; (ċ) lil ċertu Reno Farrugia li għamel l-istima tal-ħsara (Lm76); u (d) it-tabib li għamel iċ-ċertifikat mediku; u d-digriet mogħti mill-Qorti sabiex ix-xhieda mogħtija minn Jacqueline Patricia Cachia Whiteman tinqaleb għall-Malti;

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

6. PS 564 Jeffrey Schembri kien irċieva rapport minn għand Jacqueline Cachia Whiteman li kellha bżonn l-assistenza fi Triq Iklin, Iklin. Dan ix-xhud ma kien sema' ebda argument fil-preżenza tiegħu iżda kien ħa l-verżjonijiet ta' l-imputat u ta' Jacqueline Cachia Whiteman. Huwa kien ra xi ħsara fil-karozza u wara kienet ippreżentata stima mir-raġel ta' Ms Whiteman li kienet turi ammont ta' Lm76.60. L-istqarrijiet jidhru a fol.19 u 20.

7. Jacqueline Patricia Cachia Whiteman xehdet li kienet innutat xi bollards magħmula mill-konkos u mill-azzar imqegħdin fl-art. Hekk kif saqet, il-karozza nqabdet

f’waħda minnhom. Dak il-ħin l-imputat beda jgħajjat biex hi titlaq. Hi wieġbet li l-karozza kienet inqabdet ma’ xi ħaġa u hi talbitu biex jistenna. Hija nsistiet li ma kenitx fil-parkeġġ tiegħu u kien hemm spazju quddiemha (jekk idur mal-karozza tagħha) fejn jidħol.

8. Il-kliem verbali iebes kompla u x-xhud qaltu biex imur jgħinha ħa toħroġ minn fejn kienet għax kienet sejra tiġri ħsara lill-karozza. L-imputat mar ħdejha, ġie wiċċ imb’wiċċ magħha u beda jheddidha. Dak il-ħin sejħet lill-Pulizija. Hija daħlet fil-karozza u qabdet it-telephone. Hawn l-imputat beda jagħti bil-ponn fuq il-karozza. Hija kellha ritratt tal-ħsara li għamel l-imputat. Huwa kien laqatha f’wiċċha huwa u jsabbat fuq il-karozza. Ix-xhud ma rnexxilhiex tagħlaq il-karozza u sieqha waħlet fil-karozza. (fol.22). Hija kienet marret il-poliklinika mal-ewwel u reġgħet marret jumejn wara meta deher it-tbenġil.

9. Miċ-ċertifikat tat-tabib jirriżulta li Jacqueline Patricia Cachia Whiteman kellha ġrieħi ħfief. Kienet tidher erythema fuq il-ħaddejn tal-lemin u ħdejn l-għajn tal-lemin. Kienet tidher ukoll erythema u bruising ħafif fil-ġenb tal-lemin tan-naħa t’isfel tas-sieq.

10. Xehed ukoll is-sur Paul Cachia, ir-raġel ta’ Jacqueline Patricia Cachia Whiteman. Dan ma kienx fuq il-post ta’ l-inċident u mar l-għassa biex jirraporta li l-imputat (skond kif kienet qaltlu l-mara) kien għamillu ħsara fil-karozza. Il-ħsara kienet ġiet Lm76.

11. Mir-ritratti esibiti jirriżulta xi tbenġil fis-saqajn ta’ Jacqueline Patricia Cachia Whiteman (3 ritratti) u daqqa fuq il-karozza (3 ritratti).

**Xhieda ta’ l-imputat**

12. L-imputat xehed li meta wasal ħdejn id-dar tiegħu huwa kien ra bieba ta’ karozza tingħalaq u taha ċans billi

qagħad jistenna. Huwa kien xegħel l-indicator biex juri lil sid il-karozza li kien daħal f'loku. Quddiem daru l-imputat għandu 'Reserved Area' minħabba li għandu tifel bi bżonnijiet speċjali. Madankollu kulħadd jipparkjalu fir-reserved u huwa kellu jagħmel żewġ pots bi njama ġo fihom sabiex ma jkolux iħalli lit-tifel fil-karozza waqt li jiġri minn ħanut għal ieħor biex jara min kien ipparkja.

13. Hija u ħierġa x-xhud preċedenti laqtet waħda mill-pots qabditha taħt il-karozza tagħha. Hi ma kenitx ipparkjata fuq ir-reserved area. Ix-xhud waqfet u l-imputat ħareġ ħa jara xi ġralha u qalilha li kien ser jaqlagħhielha hu iżda ma riditux. Hi bdiet titkellem baxx bl-Ingliż. Hu rrispondiha bl-istess mod (fol.32). Sadanittant kienet qalgħet il-pot u remietha għal nofs it-triq. L-imputat għamilha f'postha u Jacqueline Patricia Cachia Whitehead bdiet tkellmu ħażin bil-diżabilita' u rrepetiet il-frażi. L-imputat ma felaħx għal dan l-insult, ra li x-xhud kellha l-bieba miftuħa u sabbathielha 'b'kemm kellu saħħa.' Lil imputata ma kienx missha. L-imputat qal ukoll li mhux tassew li l-pots kienu bil-ħadida. L-imputat ċaħad li kien għamel il-ħsara fil-bieba u xehed ukoll li jekk ix-xhud kellha saqajha barra mill-bieba , jista' jkun li l-bieba mmullat fuqha.

14. L-imputat xehed ukoll li x-xhud kienet instabet ħatja quddiem Qorti oħra minħabba l-mod kif kienet kellmitu. Huwa xehed ukoll li jekk dak il-kliem ma kien jgħodd xejn għall-imputata, għalih kien jgħodd ħafna.

15. Fil-kontro-eżami l-imputat kien imfakkar x'kien qal lis-surġent dwar il-ħsara. L-imputat wieġeb li hu kien qallu li majafx u li jista' jkun li għamilha. L-imputat baqa' jinsisti li hu kien sabbatt il-bieba. Hu ma kienx jaf jekk dak il-ħin li kien qabadha kienx għamel xi għafsa.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

16. Il-fatti juru li l-inċident beda minħabba kliem xejn kumplimentuż l-ewwel dwar il-pajjiż imbagħad dwar id-diżabilita' ta' iben l-imputat. Da parti tal-parti allegatament

leża, kemm min-naħa tax-xhud kif ukoll min-naħa tar-raġel tagħha jidher li l-karozza jibżgħu għaliha.

17. Dwar x'seħħ sew, il-Qorti eżaminat ukoll l-okkorenza ppreżentata taħt ġurament. Fost punti oħra li jidher li hemm qbil fuqhom – jiġifieri kif beda l-inkwiet kollu - l-imputat kien qal lis-surġent hekk:

'Huwa stqarr li kien qalilha li l-post kien reserved parking għal persuna b'diżabilita' kien hawn fejn ix-xhud offendiet lill-imputat b'kelma baxxa dwar id-diżabilita'. Meta sema' dan id-diskors huwa stqarr lit a daqqa fil-bieba u għamlilha xi ħsara pero' fl-ebda ħin ma refa' idejh fuqha.'

18. Dan il-kliem ingħad mill-imputat direttament lis-surġent u għalhekk huwa xhieda ammissibbli u ma jammontax għal hearsay.

19. Il-Qorti qabblet dan il-kliema max-xhieda ta' l-imputat fejn ammetta li kien sabbat il-bieba u li ma kienx jaf jekk għamilx xi għafsa fil-karozza.

20. Abbażi ta' dak li qal l-imputat, kif sorrett bir-ritratti u bl-istima ppreżentata, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati li għamel il-ħsara fil-karozza skond l-ewwel imputazzjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9.

21. Iżda fil-feham tal-Qorti japplika l-proviso tal-provokazzjoni inġusta taħt l-istess artikolu. Skond il-ġurisprudenza:

***'Biex provokazzjoni tkun tista' titqies bħala skużanti, trid tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-proviso ta' l-artikolu 227(ċ). Fost dawn ir-rekwiżiti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali 'illi f'nies ta' temperament ordinarju kumunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.'. Il-kriterju għalhekk huwa wieħed oġġettiv: il-bniedem ta' temperament ordinarju.'*** [1]

[1] Appell Kriminali Inferjuri 26 t'Awissu 1998 'Il-Pulizija versus Emanuel Tabone' (pagina 330) Imħallef Dr.(illum STO) Vincent De Gaetano LL.D.

22. Mill-provi jirriżulta li l-imputat ta d-daqqa lill-karozza jew sabbatha wara li Jacqueline Patricia Cachia Whitehead ipprovokatu bi kliem dwar id-diżabilita'. F'ċirkostanzi bħal dawn, għalkemm kien ikun aħjar kieku l-imputa liġġem ruħu, bniedem ta' temperament ordinarju seta' jagħmel ir-reazzjoni li għamel l-imputat. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-ħtija misjuba hija kwalifikata b'din l-iskużanti.

23. Dwar it-tieni imputazzjoni - dwar offiża ħafifa - l-imputat mill-ewwel kien qal lis-surġent li hu qatt ma refa' jdejh fuq Jacqueline Patricia Cachia Whitehead. Fix-xhieda tiegħu huwa qal li jekk din ix-xhud kellha saqajha barra 'jista' jkun li l-bieba mmullat fuq saqajha.'

24. Skond iċ-ċertifikat mediku jidher li kien hemm erythema fuq ħaddejn ix-xhud u mal-ġenb ta' l-għajn. Barra dan kien l-erythema fuq sieq ix-xhud. (Ara ċ-ċertifikat) Ix-xhud qalet ukoll li l-imputat laqat lil wiċċha waqt li kien qed isabbat fuq il-karozza.

25. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-parti materjali tar-reat (il-ġrieħi) saru mill-imputat iżda hemm dubju jekk l-imputat kellux l-intenzjoni li jagħmilhom stante li jidher li l-attakk kien intiż fuq il-karozza u mhux fuq il-persuna tax-xhud. Għalhekk huwa nieqes l-element formali tar-reat u l-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) u l-ewwel proviso ta' l-istess artikolu u , l-artikolu 227 (c), 221(3)(a)(b) issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni b'dan pero' li l-imputat kien taħt provokazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti, wara li qieset (a) iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ speċjalment ir-referenza għad-diżabilita', kif ukoll (b) li l-imputat għandu fedina penali nadifa tiegħu, flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien 14-il xahar mil-lum.  Il-Qorti spjegat lill-imputat l-artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------